

# "It-Traġedja tal-Ħalifax fiż-Żejtun"

jikteb Carmelo P. Baldacchino

Fil-gwerra li għaddiet 1939-1945 kienu ħafna d-diżgrazzji li ġraw, kemm dawk militari, flimkien ma oħrajn ta' nies pajżana.

Kienet il-ġurnata tal-Ħamis 17 ta' Diċembru 1942, meta ajruplan militari Ngliż "Halifax D.T. 542 b'erba' magni li matul il-lejl wasal fil-bażi militari ta' Ħal Luqa, Malta, wara li vvjaġġa mill-Eġittu. Fuqu kellu xi nies tas-servizzi fi triqithom għall-Ingilterra flimkien mal-posta tan-nies tas-servizzi għal qrabathom. Flimkien mal-ittri kien hemm ukoll min bagħat xi flus lil familji tiegħu.

Wara li ħa l-fuel, dan l-ajruplan tela' mill-mitjar ta' Ħal Luqa fl-4.00 am. Meta żviluppatlu ħsara f'waħda mill-magni, għadda baxx ħafna minn ħdejn il-parroċċa taż-Żejtun għal fuq l-istitut ta' Ġesu' Nazzarenu, li dak iż-żmien kien għadu b'sular wieħed u kkraxxja fl-għelieqi ta' wara l-Istitut. Hu kaxkar kemm sab ħitan tas-sejjieħ u ħamrija quddiemu, u sploda qrib fejn illum hemm il-ġibjun tal-Housing Estate.

Il-ħoss ta' l-isplużjoni nstema' minn kullimkien, imma l-aktar miż-Żejtun, fejn kulħadd kien għadu rieqed. Ħafna qamu biex jaraw x'ġara. Fost dawn qam ukoll Mons. Isqof Emanuel Galea, li kien rieqed fl-Istitut u tela' fuq il-bejt fejn ta l-aħħar Sagramenti lill-vittmi, waqt li l-Kan. Giovanni De Domenico mar fuq il-post u għamel l-istess.

Iż-Żwieten ħadu qatgħa kbira b'dik l-isplużżjoni, għalkemm fil-gwerra kienet ħaġa li tistennieha. Ħafna nies ħarġu minn ġox-xelters jew minn ġo djarhom u fejn raw nar u daħna kbira, marru jaraw x'ġara. Malajr waslet l-għajnuna tan-nies tas-servizzi li ċċirkundaw il-post. Waslu wkoll xi ambulanzi tas-servizzi, imma kien kollu għalxejn, għax ħadd mis-17-il passiġġier li kien hemm fuq l-ajruplan ma rnexxielu jsalva.

## IL-VITTMI.

Il-Vittmi kienu dawn.: Ekwipaġġ ta' sitt Pollakki.; Dubromisski K.L. F/O.; Idzikowski Z. F/O; Kleniewski A.E. SGT.; Pankiewics S. F/O; Wisocki R. SGT.; Zielinski O.F. F/SGT.

## DAWN LI ĠEJJIN KIENU KOLLHA PASSIĠĠIERI.

Major Lprd AAB. Apsley DSO; M.C.; T.D.; 47 sena.; Major A.D.C. Millar indian Army. 38 sena.; Browne Cyril Dennis L.A.C.; Glegg Richard L.A.C. 21 sena.; Earle Peter F/IT.I/T. OSB. 28 sena.; Hounslow Douglas Sidney.; Kelly Stanley Edward A.C.l. 40 sena.; Spibey Denis SGT. ; Voughan Leonard Arthur FI/T.LC.Air Gnr. DSO.DFC. 40 sena.; Watt Alexander Clubb SGT. (FT.ENG.) 21 sena.; Wedgwood Jefferson Heywood SQD.LDR. Pilot DFC.

**Dawn il-vittmi jinsabu midfunin fiċ-ċimiterju navali tal-kapuċċini tal-Kalkara.**

*(Ħajr lil Mr. John A. Agius San Ġiljan. għall-informazzjoni.)*

